

Il-Ħamis, 17 ta' Diċembru 2009

JIDDEĊIEDU:

Artikolu 1

Għall-budget ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, l-Istrument ta' Flessibilità għandu jintuża biex tiġi pprovduta s-somma ta' EUR 195 miljun f'appropriazzjonijiet għall-impenji taħt is-subintestatura 1a.

Dawn l-ammonti għandhom jintużaw sabiex jikkomplementaw il-finanzjament ta':

- EUR 120 miljun lejn il-finanzjament ta' proġetti fil-qasam tal-enerġija fil-kuntest tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku;
- EUR 75 miljun għall-għeluq tal-impjant tar-reattur nukleari ta' Kozloduy.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

Qafas finanzjarju 2007-2013: il-finanzjament ta' proġetti ta' enerġija taħt il-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku (emendi għall-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba)

P7_TA(2009)0114

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2009 dwar il-proposta emendata għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali - il-finanzjament ta' proġetti fil-qasam tal-enerġija fil-kuntest tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku (COM(2009)0662 – C7-0305/2009 – 2009/2211(ACI))

(2010/C 286 E/14)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0662 – C7-0305/2009),
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punti 21, 22, l-ewwel u t-tieni subparagrafi, u 23 tiegħu,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali (2007-2013) ⁽²⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 132, 29.5.2009, p. 8.

Il-Ħamis, 17 ta' Diċembru 2009

- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tiegħu tal-25 ta' Marzu 2009 dwar ir-Reviżjoni ta' Nofs iż-Żmien tal-Qafas Finanzjarju 2007-2013 ⁽¹⁾ u tal-10 ta' Marzu 2009 dwar il-Linji Gwida għall-proċedura tal-baġit 2010 ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tat-2 ta' April 2009 dwar il-finanzjament tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku (EERP),
- wara li kkunsidra l-ġabra fil-qosor tal-konklużjonijiet tal-laqgħa ta' Konċiljazzjoni tat-18 ta' Novembru 2009,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0085/2009),

1. Japprova l-konklużjonijiet tal-laqgħa ta' Konċiljazzjoni tat-18 ta' Novembru 2009;
2. Jenfasizza li l-ftehim li ntlaħaq dwar ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali 2007-2013 (MFF) huwa r-riżultat ta' koperazzjoni interistituzzjonali li rnexxiet bħala reazzjoni għall-kriżi finanzjarja u ekonomika li għaddejjin minnha l-Istati Membri, permezz tal-promozzjoni tas-solidarjetà fil-qasam tar-riżorsi tal-enerġija u permezz tal-promozzjoni tal-broadband fiż-żoni rurali kif ukoll l-appoġġ għas-settur agrikolu; jinnota li l-ftehim jibni fuq il-prinċipju mfisser fid-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq tat-tliet istituzzjonijiet tat-2 ta' April 2009,
3. Jaqbel mal-kompromess politiku li jimmobilizza diversi mezzi baġitarji disponibbli fil-qafas legali baġitarju, inkluża r-reviżjoni tal-MFF 2007-2013 għas-snin 2009 u 2010 u l-użu tal-Istrument ta' Flessibilità biex ikun possibbli l-finanzjament sħiħ tal-EERP fl-2010; jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li ma ġie pospost l-ebda finanzjament tal-EERP sal-2011, biex b'hekk il-proċedura baġitarja annwali tal-2011 mhux se tkun affettwata;
4. Jinnota li wara r-reviżjoni tal-MFF 2007-2013 biex jiġi ffinanzjat l-EERP, il-marġni disponibbli taħt is-subintestaturi 1a u 1b u l-intestaturi 2 u 5 huma stretti ħafna għall-2010, b'mod li se jħallu ftit possibbiltà ta' manuvrar jekk jirriżultaw bżonnijiet finanzjarji mhux previsti matul is-sena;
5. Jirrimarka li l-finanzjament tal-għeluq tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Kozloduy kien hemm qbil dwaru biss fir-rigward tal-2010, filwaqt li l-ħtieġa ta' appoġġ finanzjarju mill-UE tibqa' sal-2013 u tammonta għal EUR 300 000 000, inkluż l-ammont li kien disponibbli taħt il-baġit 2010; jenfasizza li l-finanzjament tal-għeluq tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Kozloduy m'għandux jipperikola l-finanzjament ta' programmi u azzjonijiet multiannwali fis-sottointestatura 1a;
6. Iqis li l-MFF 2007-2013 attwali ma jikkorrispondix mal-ħtiġijiet finanzjarji tal-Unjoni Ewropea; għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għal reviżjoni ta' nofs iż-żmien tal-MFF 2007-2013 attwali mingħajr dewmien;
7. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-risoluzzjoni;
8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ Testi adottati, P6_TA(2009)0174.

⁽²⁾ Testi adottati, P6_TA(2009)0095 u P6_TA(2009)0096.

Il-Ħamis, 17 ta' Diċembru 2009

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba fir-rigward tal-qafas finanzjarju multiannwali - Il-finanzjament ta' proġetti fil-qasam tal-enerġija fil-kuntest tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punti 21, 22, l-ewwel u t-tieni subparagrafi, u 23 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta emendati mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fil-laqgħa tal-konċiljazzjoni tal-baġit tat-18 ta' Novembru 2009, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu dwar il-modalitajiet biex jingħata finanzjament addizzjonali, fil-qafas tal-Pjan Ewropew għall-Irkupru Ekonomiku, għal proġetti fil-qasam tal-enerġija u l-internet broadband, kif ukoll għal investimenti għat-tisħiħ tal-operazzjonijiet relatati mal-"isfidi ġodda" definiti fil-kuntest tal-evalwazzjoni tar-riforma ta' nofs iż-żmien tal-2003 tal-Politika Agrikola Komuni ("Il-Kontroll tas-Saħħa") ⁽²⁾. Il-finanzjament jeħtieġ reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali 2007-2013 f'konformità mal-punti 21, 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali, sabiex jiġi mgħolli l-limitu massimu għas-sena 2010 għall-appropriazzjonijiet għall-impenji fis-sottointestatura 1a b'ammont ta' EUR 1 779 miljun fi prezzijiet attwali.
- (2) Iż-żieda tal-limitu massimu għas-sottointestatura 1a għas-sena 2010 se jkun hemm kumpens sħiħ għaliha billi jonqsu l-limiti massimi għall-appropriazzjonijiet għall-impenji fl-intestaturi 1a, 1b, 2, 3a u 5 għas-sena 2009, kif ukoll il-limiti massimi għall-appropriazzjonijiet għall-impenji fl-intestaturi 1a, 2 u 5 għall-2010.
- (3) Sabiex tinżamm relazzjoni xierqa bejn l-impenji u l-ħlasijiet, il-limiti massimi annwali għall-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet se jiġu aġġustati. L-aġġustament se jkun newtrali.
- (4) L-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba għandu għaldaqstant jiġi emendat ⁽³⁾,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu Waħdani

L-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba huwa ssostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁽²⁾ COM(2008)0800, COM(2008)0859, COM(2009)0171, u ĠU L 132, 29.5.2009, p. 8.

⁽³⁾ Għal dak il-għan, iċ-ċifri li jirriżultaw mill-ftehim imsemmi hawn fuq huma maqluba għal prezzijiet tal-2004.

Il-Ħamis, 17 ta' Diċembru 2009

ANNEX

QAFAS FINANZJARJU 2007-2013

(EUR million - constant 2004 prices)

| APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | Total 2007-2013 |
|--|----------------|----------------|----------------|----------------|----------------|----------------|----------------|--------------------|
| 1. Tkabbir Sostenibbli | 50 865 | 53 262 | 55 879 | 56 435 | 55 400 | 56 866 | 58 256 | 386 963 |
| 1a Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi | 8 404 | 9 595 | 12 018 | 12 580 | 11 306 | 12 122 | 12 914 | 78 939 |
| 1b Koezzjoni għat-Tkabbir u l-Impjiegi | 42 461 | 43 667 | 43 861 | 43 855 | 44 094 | 44 744 | 45 342 | 308 024 |
| 2. Preservazzjoni u Mmaniġġjar tar-Riżorsi Naturali | 51 962 | 54 685 | 51 023 | 53 238 | 52 528 | 51 901 | 51 284 | 366 621 |
| li minnhom: inġiq relatat mas-suq u ħlasijiet diretti | 43 120 | 42 697 | 42 279 | 41 864 | 41 453 | 41 047 | 40 645 | 293 105 |
| 3. Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja | 1 199 | 1 258 | 1 375 | 1 503 | 1 645 | 1 797 | 1 988 | 10 765 |
| 3a Libertà, Sigurtà u Ġustizzja | 600 | 690 | 785 | 910 | 1 050 | 1 200 | 1 390 | 6 625 |
| 3b Ċittadinanza | 599 | 568 | 590 | 593 | 595 | 597 | 598 | 4 140 |
| 4. L-UE bħala attur globali | 6 199 | 6 469 | 6 739 | 7 009 | 7 339 | 7 679 | 8 029 | 49 463 |
| 5. Amministrazzjoni ⁽¹⁾ | 6 633 | 6 818 | 6 816 | 6 999 | 7 255 | 7 400 | 7 610 | 49 531 |
| 6. Kumpensi | 419 | 191 | 190 | | | | | 800 |
| TOTAL APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-IMPENJI | 117 277 | 122 683 | 122 022 | 125 184 | 124 167 | 125 643 | 127 167 | 864 143 |
| bħala perċentwal tal-GNI | 1,08 % | 1,09 % | 1,06 % | 1,06 % | 1,03 % | 1,02 % | 1,01 % | 1,048 % |
| TOTAL APPROPRJAZZJONIJIET GĦALL-HLASIJET | 115 142 | 119 805 | 109 091 | 119 245 | 116 884 | 120 575 | 119 784 | 820 526 |
| bħala perċentwal tal-GNI | 1,06 % | 1,06 % | 0,95 % | 1,01 % | 0,97 % | 0,98 % | 0,95 % | 1,00 % |
| Marġni disponibbli | 0,18 % | 0,18 % | 0,29 % | 0,23 % | 0,27 % | 0,26 % | 0,29 % | 0,24 % |
| Limitu Massimu tar-Riżorsi Proprjibhala perċentwal tal-GNI | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % | 1,24 % |

⁽¹⁾ In-nefqa fuq il-pensjonijiet inkluża taħt il-limitu massimu għal din l-intestatura hija kkalkulata net tal-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema rilevanti, fil-limitu ta' EUR 500 miljun fi prezzijiet tal-2004 għall-perjodu 2007-2013.